MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 20/2006

**PAB /05 TSC**
**PA0087/04**
**Kunsill Lokali Marsaskala.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kunsill Lokali Marsakala datat 22 ta' Novembru 2006 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'appell tas-6 ta' Jannar 2006 l-esponenti appella mill-hrug tal-permess datat 20 ta' Gunju 2006 min-naha tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar favur Dr. Anthony Gruppetta noe; (PA 87/04)

Illi l-Awtorita` *in linea* preliminari, issollovat l-eccezzjoni tan-nullita` billi qalet illi l-appellanti ma kienux ghamlu l-eccezzjonijiet taghhom fit-termini rikjesti mil-ligi;

Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, li quddiemu naturalment sar l-appell, iddikjara li l-appellant Kunsill Lokali Marsaskala, ma kienx tenut illi jappella *stante* illi ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu *entro* t-terminu stipulat skont l-**artikolu 32 tal-Kap 356** u b'decizjoni preliminari tat-8 ta' Novembru 2006 iddikjarat "illi l-appelli huma kollha nulli u konsegwentement [il-Bord] jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom" (Dok "A").

Illi l-esponenti hassu aggravat minn din id-decizjoni u qed jinterponi umli appell minnha;

Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

Illi l-applikazzjoni *de quo* kienet ixxandret *ai termini* tal-**Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** nhar il-5 ta' Gunju 2004 bis-segwenti decitura:

*"National Territory Development of agriculture zone south-east of Malta – Dr. Anthony Gruppetta also Malta Centre for Fisheries, site at South East of Malta 6 Km away from the shore off*, Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk;"

Illi sussegwentement il-Kunsill Lokali Marsaskala, *tramite* sorsi informali, sar jaf illi ma kien veru xejn illi l-izvilupp kien se jsir 6 Km 'il barra minn Xrobb l-Ghagin f'Marsaxlokk imma pjuttost f'zona distinta mill-bajja ta' Xrobb l-Ghagin imma pjuttost l-izvilupp kien se jsir 6 Km 'il barra miz-zonqor f' Marsaskala.

Illi meta sar jaf dan il-fatt, l-esponenti, ghal kull buon fini, intavola l-eccezzjonijiet tieghu fid-29 ta' Gunju 2004;

Illi, ohrog il-ghageb, fil-mument illi skada t-terminu ta’ 15-il gurnata skont il-ligi, l-applikant beda jirreferi ghall-izvilupp *de quo* bhala “Zona ta’ Agrikultura fix-Xlokk ta’ Malta ‘l barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala,” u mhux iktar bhala “*site at south-east of Malta 6 Km away from shore off* Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk”. Dan jirrizulta, per ezempju, mid-dokumenti kollha li gja` gew prezentati fil-mori tal-Appell quddiem il-Bord ta’ Appell dwar l-Ippjanar u li jirrelataw mal-process ta’ konsultazzjoni l-MEPA u l-konsulenti tal-applikant ghamlu mal-esponenti;

Illi jirrizulta ampjament illi dan l-agir kien attentat li kien mahdum b’sengha sabiex l-applikant jottjeni l-permess *de quo* b’mod li prattikament jissilenzja kull oggezzjoni li l-esponenti ried jaghmel ghall-progett *de quo*.

Illi tant kemm dan hu minnu illi t-twahhil tal-avviz ma sarx f’ Zonqor, Marsaskala imma f’post iehor li ma huwiex Marsaskala,

Illi *inoltre* rrizulta li kien hemm diskrepanza bejn dak illi eventwalment gie approvat u dak illi kien gie propost fl-applikazzjoni – tant illi, kuntrarjament ghall-kundizzjoni numru tlieta (3) tal-permess li jispecifika l-“*co-ordintes*” tal-istess sit, is-sit *de quo* iccaqlaq geografikament iktar ‘il fuq fil-mappa. Tant ukoll illi waqt li fil-*Project Description Statement* kien gie antecipat illi l-*biomass* ma kienx sejjer jeccedi dak ta’ hamest elef tunnellata fis-sena, il-permess inhareg soggett ghall-kundizzjoni illi dan ma jeccedix massimu ta’ disat elef tunnellata;

Illi minkejja dawn l-alterazzjonijet kbar, li l-applikant u wisq inqas l-Awtorita` m’ghamlet ir-ripubblikazzjoni tal-applikazzjoni fl-istampa lokali;

Illi l-aggravji principali huma s-segwenti:

(a) Illi l-applikazzjoni tal-kuncett ta’ “interess giuridiku *ai termini* tal-**artikolu 32 tal-Kap 356** mal-provediment legali fl-istess artikolu fis-sena illi Kunsill Lokali jista’ biss jivvanta interess giuridiku b’mod awtomatiku meta zvilupp ikun se jsir fil-gurisdizzjoni tieghu u l-Kunsill qed jagixxi fl-

interess tal-lokalita` mal-fatt illi l-applikazzjoni giet deskritta bhala wahda li s-sit huwa post li ma jaqax fil-giurisdizzjoni ta' Marsaskala, effettivament ittrankat id-dritt tal-Kunsill Lokali Marsaskala illi joggezzjoni ghal progett li wara rrizulta li se jsir fl-ibhra li jimissu mal-giurisdizzjoni tieghu;

(b) Illi certament li kieku l-Kunsill Lokali Marsaskala oggezzjonia ghal zvilupp li *prima facie* kien jidher li se jsir f'post li assolutament hu distint mil-lokalita` tieghu (Marsaxlokk), l-istess esponent kien jigi affaccjat bl-eccezzjoni li hu ma kellux interess;

(c) Illi d-decizjoni appellata effettivament taghmel l-assenzjoni perikoluza illi fir-realta`, allura, m'hemm assolutament xejn hazin illi applikazzjoni tigi ppubblikata b'mod li tghid li zviluppp se jsir f' "A" meta mbaghad magikament is-sit jigi trasformat f' "B"; Illi certament hu kontra d-dettani tal-**Kap 356** li dan ikun il-kaz;

(d) Illi l-fatt li *qua si tratta* ta' progett li se jolqot b'mod dirett lokalita` shiha ta' eluf ta' nies fejn l-entita` li tigbor fiha l-interess diffuz ta' dawn l-eluf ta' nies (il-Kunsill Lokali Marsaskala) qed topponi b'mod vociferiz ghall-progett *de quo*, ghandu, fih innifsu skont it-termini tal-gustizzja, jaghti l-fakolta` lill-istess entita` li talanqas tipprova tattakka l-applikazzjoni fuq il-mertu;

(e) Illi l-**artikolu 32 (4) tal-Kap 356** ma giex segwit;

(f) Illi d-diskrepanza bejn dak illi eventwalment gie appruvat u dak illi kien gie propost fl-applikazzjoni kienet timmerita illi tali applikazzjoni tigi ppubblikata mill-gdid.

Illi dawn l-aggravji kollha jimmeritaw li jigu akkolti u kwindi jannullaw il-process kollu.

Ghaldaqstant l-esponenti, waqt li jaghmel referenza ghall-provi kollha gja` prodotti u dawk kollha producibbli, jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet **"Kunsill Lokali ta' Marsaskala**

**kontra l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences"** u tghaddi biex tipprovdi illi l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni *de quo* trid issir mill-gdid *ai termini* tal-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 8 sa 18 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 7 ta' Dicembru 2006 a fol. 20 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **TCS 5/06, 9/06, 15/06 – "Kunsill Lokali Marsaskala vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre Fisheries Sciences"** deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar datata 30 ta' Mejju 2007 (fol. 26) fejn ecceppiet:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi apparti li dan l-appell huwa wiehed frivolu mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Izvilupp tal-Ippjanar** li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm Appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).*

Dan gie konfermat diversi drabi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m' hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... biex appell ikun ammissibbli, il-kontroversja trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

F’dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal numru ta’ decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta’ fatt u punt ta’ dritt u senjatament:

**i) Frans Cushieri vs DCC (10/02 RCP)**
**ii) Santino Gauci vs DCC (32/01 RCP)**
**iii) Salvu Sciberras vs PA (26/01 RCP)**

Ilkoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta’ Marzu 2003

2. Illi dan qed jinghad ghaliex minkejja illi certu aggravji tal-appellanti huma fuq punti ta’ Ligi, dawn ikomplu billi jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tissindika anke l-evalwazzjoni fattwali maghmula mill-istess Bord tal-Appell, punt li kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, ma jikkostitwux punti ta’ ligi deciza mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kif filfatt qed jghid l-appellant.

3. Illi l-aggravju principali tal-appellanti huwa illi huma kellhom dritt illi jappellaw mid-decizjoni tal-Awtorita` esponenti quddiem il-Bord tal-Appell. Dritt, illi skont id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli, intilef mill-appellanti *stante* illi huma ma ressqux is-sottomissjonijiet taghhom quddiem l-Awtorita` esponenti skont u fit-terminu tal-Ligi.

4. Illi huwa punt *ormai* stabbilit illi biex terza persuna, u cioe` persuna *oltre* l-applikant, ikollu dritt illi jinterponi appell quddiem il-Bord tal-Appell minn decizjoni mehuda mill-Awtorita` esponenti fil-konfront tal-applikant, dan it-terz irid ikun ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Awtorita` esponenti u fil-mori tal-ipprocessar tal-applikazzjoni *de quo entro* t-terminu stabbilit fl-**artikolu 32 (5)**. Dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet “**Busuttill vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp et** (5/10/01). Hadd m’huwa ezentat minn dan l-obbiligu, u nuqqas illi ssegwi dan l-*inter* processwali necessarjament iwassal ghat-telf min-naha tal-istess terz ghad-dritt illi huwa kellu illi jissottometti appell quddiem il-Bord tal-Appelli.

5. L-ilment tal-appellanti huwa marbut mal-metodu li bih saret in-notifika tal-applikazzjoni *de quo*. Jigi sottomess,

illi kemm-il darba jigi kkonfermat illi n-notifiki li kellhom bzonn isiru, effettivament saru, sta ghall-Bord tal-Appelli biex jiddetermina l-aspett fattwali tal-istess, bhal ma hija d-deskrizzjoni tal-izvilupp u fatti ancillari.

6. Illi fl-opinjoni tal-appellanta, il-Bord kien korrett meta kkonkluda illi n-notifiki kollha li kellhom isiru effettivament saru. U l-istess jinghad, minkejja illi fl-umli opinjoni tal-appellanta dan jikkostitwixxi punt ta' fatt, ghall-mod li bih il-porgett *de quo* gie deskritt. Fl-ahhar mill-ahhar minkejja illi l-progett gie deskritt illi kien ser isir f'zona ta' Malta u fit-territorju nazzjonali, ried jinghata xi punt ta' rikonvenzjonanti fuq l-art biex iz-zona tkun aktar identifikabbli. Certament, illi rrispettiv minn fejn kienet din iz-zona tal-art, il-Bord kien korrett meta wasal ghall-konkluzjoni illi *the ordinary man in the street* seta' jifhem din id-deskrizzjoni. U certament illi l-appellanti odejerni huma ferm *oltre the ordinary man in the street*, izjed u izjed minhabba l-interess allegat minnhom fil-progett *de quo*.

7. Illi l-istess jinghad ghal dak li jirrigwardja l-proposta *de quo* u dak li gie effettivament approvat. Filwaqt illi jinghad bir-rispett illi dan jikkostitwixxi punt u evalwazzjoni ta' fatt, u mhux punt ta' dritt, kienet korretta l-evalwazzjoni tal-istess Bord illi ma kien hemm l-ebda bidla illi kienet tehtieg xi forma ta' ripubblikazzjoni tal-Avviz.

8. Illi minkejja illi ssir allegazzjoni fis-sens illi d-deskrizzjoni tal-progett saret bil-mod li saret biex jigu evitati rapprezentazzjonijiet tal-Kunsill Lokali appellant, u minkejja li tali allegazzjoni ssir fil-konfront ta' l-applikant, certament li l-Awtorita' tehtieg li tikkjarifika, u dan *stante* li eventwalment tkun hija li tipprocessa tali applikazzjoni, li tali allegazzjoni hija fattwalment bla bazi *stante* illi jekk ma saritx sottomissjoni mill-appellanti, certament setghet issir mill-Kunsill l-iehor li effettivament issemma fid-deskrizzjoni.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 8 ta' Novembru 2006 u

tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-8 ta' Novembru 2006, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat li s-socjeta' kjamata fil-kawza giet notifikata bir-rikors tal-appell fit-28 ta' Novembru 2008 izda ma gietx pprezentata l-ebda risposta u hadd ma deher fit-trattazzjoni ta' dan l-appell ghall-istess socjeta' kjamata fil-kawza.

Rat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (Bord) fl-ismijiet **"Fish & Fish Limited, Malta Fishfarming Limited, Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u tal-GRTU u l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences"** tat-8 ta' Novembru 2006 u l-process relattiv li kien quddiem il-Bord.

Rat il-verbali tas-seduti nkluza dik tat-18 ta' Gunju 2008 fejn deher Dr. Owen Bonnici ghall-Kunsill appellanti u Dr. Claire Zammit Stafrace u Ivor Robinich ghall-Awtorita' appellata, u d-difensuri trattaw il-kaz u l-appell gie differita ghad-decizjoni ghad-29 ta' Jannar 2009

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa appell li sar mill-appellanti Kunsill Lokali ta' Marsaskala li qed isostni li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar (Bord) moghtija fit-8 ta' Novembru

2006 fejn gie ddikjarat li l-appellanti ma setghux jappellaw ghaliex ma pprezentawx l-oggezzjonijiet taghhom fi-terminu indikati fl-**artikolu 32 tal-Kap 356** in konnessjoni ma’ talba ghall-hrug tal-permess f’isem il-kjamat fil-kawza sabiex isir zvilupp konsistenti f’zona ta’ akwakultura fil-bahar fix-xlokk ta’ Malta mahrug mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront tal-applikazzjoni Numru 87/04, hija zbaljata peress li sostnew li:-

(1) Ghalkemm huma ghandhom interess guridiku li joggezzjonaw ghall-izvilupp li jsir fil-lokalita’ ta’ Marsaskala, f’dan il-kaz huma ma setghux jaghmlu dan peress li l-izvilupp gie ppublikat li ser issir f’post distint mill-lokalita’ tant li gie deskritt li ser isir f’Marsaxlokk – b’hekk jidher li kien hemm deskrizzjoni zbaljata dwar il-lokal fejn kellu jsir l-istess progett, ghaliex effettivament dan kien ser isir f’Marsakala.

(2) Illi l-**artikolu 32 (4) tal-Kap 356** ma giex segwit.

(3) Illi kien hemm diskrepanza bejn dak li eventwalment gie approvat u dak li kien propost fl-applikazzjoni u dan kien jimmerita illi tali applikazzjoni tigi ppublikata mill-gdid.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, u dan anke kif indikat mill-Awtorita’ appellata fir-risposta taghha minkejja l-eccezzjoni minnha moghtija a bazi tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356,** il-punti mqajjma mil-appellanti dwar jekk l-appellanti odjerni ghandhom’x dritt jappellaw quddiem il-Bord huwa punt ta’ dritt u dan meta jirrizulta li l-mertu tal-aggravju huwa marbut ma’ jekk l-istess appellanti agixxewx skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 tal-Kap. 356,** u dan fis-sens li sabiex jaghmlu dan l-istess appellanti kellhom iressqu l-oggezzjonijiet taghhom bil-miktub u motivata *“fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta’ l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4)”* u jirrizulta li ghalhekk dan il-punt jikkoncerna nterpretazzjoni ta’ dak li huwa tenut li hija pubblikazzjoni skont l-istess artikolu, nkluz jekk l-istess artikolu giex applikat sew fil-kaz in ezami.

Illi bhala fatt jirrizulta li l-avviz fil-gazzetta lokali sar fil-5 ta' Gunju 2004 bid-deskrizzjoni ta' *"development of aquaculture zone south-east of Malta Dr. Anthony Grupetta obo Malta Centre of Fisheries, Site at South East of Malta away from the shore off, Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk"* u jidher li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala pprezenta oggezzjoni bla data fit-28 ta' Gunju 2004, u dan meta t-termini ndikati bil-ligi wara l-istess pubblikazzjoni, jekk din tigi ritenuta valida, jkun skada fl-20 ta' Gunju 2004, u fil-fatt l-appell ta' l-istess Assocjazzjoni gie ritenut null peress li ma sarx fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 tal-Kap. 356.**

Illi ma hemmx dubju li l-appellanti huwa *third party objector* skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap 356** u bhala tali ghandu dritt ta' appell kif indikat fis-sentenza **"Perit Austin Attard Montaldo vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A. C. – 20 ta' Awissu 1996), li kawza taghha gie emendat **Kap 356** b'mod li llum hemm dritt ta' appell biss quddiem il-Bord kemm il-darba terza persuna interressata u f'dan il-kaz il-Kunsill Lokali li lokalita' tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp ikun ghamel oggezzjoni bil-miktub u motivata fuq konsiderazzjonijiet ta' ppjanar a bazi ta' l-**artikolu 32 (4) u 32 (5) tal-Kap 356** u dan jinsab ukoll indikat fl-**artikolu 15 (1) (d) (i) u (iii) tal-Kap 356** li jghidu li *"dak l-appell jista' jsir minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skont l-artikolu 32 (5) meta tigi ppublikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp"* u li *"Kunsill Lokali li fil-lokalita' tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp ghandu dejjem jitqies ghall-fini u ghall-effetti kollha tal-ligi li huwa terza persuna interessata basta li dak il-kunsill ikun ghamel sottomissjonijiet bil-miktub skont l-artikolu 32 (5) u li jagixxi fl-interess tal-lokalita'"*.

Illi l-**artikolu 32 (4)** jipprovdi li *"l-Awtorita' ghandha, ghas-spejjez ta' min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jigu ppubblikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviz fis-sit. L-Awtorita' ghandha tkun responsabbli li twahhal avviz fis-sit u l-applikant ghandu jkun responsabbli li jizgura li l-avviz jibqa' mwahhal ghall-perijodu ta' ghoxrin jum mid-data li l-avviz jigi hekk imwahhal. Kopja ta' kull*

*applikazzjoni u pjanta relattiva u l-pjanta relattiva li turi fejn jinsab is-sit ghandhom jigu notifikati mill-Awtorita' lill-kunsilli lokali li fil-lokalita' tieghuj jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp. F'kaz ta' progetti kbar l-Awtorita' tista' titlob lill-applikant li jippublicizza l-applikazzjoni tieghu f'dik il-manjiera ohra li jidhrilha xierqa. Il-Ministru jista' jippreskrivi metodi ohra biex tinghata pubblicita' lill-applikazzjoni apparti dawn ta' hawn aktar qabel".*

Illi l-**artikolu 32 (5)** jipprovdi li *"kull persuna tista', ghar-ragunijiet imsemmija fuq kwistjonijiet rilevanti ta' ppjanar, taghmel sottomissjonijiet fejn toggezzjona kontra zvilupp. Din l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u ghandha jkollha esposizzjoni motivata ghaliha, u ghandha tasal ghand l-Awtorita' fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4) b'dan illi l-Awtorita' tista' f'kaz ta' progetti kbar testendi l-imsemmi perjodu ghal tletin gurnata u f'dan il-kaz ghandha taghti avviz ta' estensjoni fl-imsemmija pubblikazzjoni. Dak iz-zmien jista' jitqassar ghal sebat ijiem f'kazijiet urgenti kif jista' jigi ndikat fil-pubblikazzjoni. L-Awtorita' ghandha tikkonsidra u tiddeciedi dwar l-oggezzjoni. Kull persuna li tkun ghamlet oggezzjoni bil-miktub ghall-izvilupp kif inghad hawn fuq ghandha tigi informata mill-Awtorita' jew mill-Kummissjoni, skont il-kaz, meta jkunu gewipprezentati pjanti godda, jekk ikun il-kaz, u dik il-persuna ghandha tigi mistiedna, biex tkun prezenti ghall-laqgha tal-Awtorita' jew tal-Kummissjoni meta dik l-applikazzjoni tigi diskussa".*

Illi ghalhekk mis-sentenza **"Perit Austin Attard Montaldo vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A. C. – 20 ta' Awwissu 1996) dahlu emendi fis-sens li llimitaw l-appell li seta' jaghmel terz interressat fis-sens li tali appell ma setax issir f'kull stadju izda dan kellhu jaghmel l-oggezzjoni tieghu bil-mod indikat bil-miktub mid-data tal-pubblikazzjoni ta' proposta' ta' zvilupp, u ghalhekk l-iskop ta' tali emenda kien li kull min ghandu interess fl-istess zvilupp kellu jaghmel l-opposizzjoni tieghu mal-ewwel opportunita' li tinghata lilu u din l-opportunita' giet ikkunsidrata bhala dik meta ssir il-pubblikazzjoni relattiva tal-proposta (**"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 5 ta'

Ottubru 2001) "**Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. C. – 27 ta' April 2006) u dik fl-ismijiet **"Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Limited et"** (P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004).

Illi ghalhekk huwa bla dubju ta' importanza massima li l-avviz ta' pubblikazzjoni ta' l-izvilupp propost fl-istampa lokali ghandu jkun preciz b'mod li jindika sew is-sit u n-natura tal-istess zvilupp, u dan jinkludi per necessita' l-lokalita' fejn dan l-izvilupp ghandu jsir peress li t-terminu sabiex issir l-istess oggezzjoni indikata fl-**artikolu 32 (5)** jibda' jghaddi proprju mid-data tal-istess avviz.

Illi fil-kaz *de quo* jirrizulta li l-applikazzjoni ghall-izvilup giet deskritta biss bhala *"aquaculture zone in south east Malta – location – South East Malta"* PA 87/04 u l-pubblikazzjoni relattiva fil-gazzetta lokali saret fil-5 ta' Gunju 2004 indikata bhala "*National Territory 00087/04 – Development of an aquaculture zone south-east of Malta. Dr. Anthony Grupetta obo Malta Centre for Fisheries, Site at South East of Malta 6km away from shore off Xrobb l-Ghagin l/o Marsaxlokk"* (Dok. "TD 2").

Illi jirrizulta mill-atti esebiti li l-*Enviroment Impact Assessment* imsejjah bhala *Marine Archaeology Baseline Study* li sar fit-12 ta' Ottubru 2005 in konnessjoni mal-PA00087/04 deskritt bhala *"Development of an Aquaculture Zone south-east of Malta off Zonqor Point, Marsascala"* jiddiskrivi f'paragrafu 8 bhala l-*"Geographic Setting"* is-sit fejn kien ser isir dan l-izvilupp bhala *'the site for the proposed AZ is between six and nine kilometers to the East of Zonqor Point, Marsaskala (see Figure 1)";* f'paragrafu 10 intitolat *"Brief History of the A of I"* jirreferi ghal Marsaskala tant li jinghad li *"Marsakala is currently not considered to be one of the main harbours of the Maltese Islands";* jirrizulta wkoll li d-dokument li hareg mill-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Amjent f'Dicembru 2005 dwar Konsultazzjoni Pubblika l-istess progett huwa deskritt bhala *'Zona ta' Akwakultura fix-xlokk ta' Malta 'il barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala"* u fil-fatt fl-istess dokument inghata dettalji dwar informazzjoni ta'

esebizzjoni li kellha ssir dwar l-istess progett fl-1 u 2 ta' Dicembru 2005 fil-Jerma Palace Hotel u inghad li wara l-hin ta' esibizzjoni kellhom isiru laqghat fuq aspetti partikolari tal-izvilupp *inter alia* mal-Kunsilli Lokali ta' Marsaskala u l-Kommunita' Kummercjali ta' Wied il-Ghajn. Illi f'komunikazzjoni li saret fil-11 ta' Awissu 2004 lill Kunsill Lokali ta' Marsaskala (Dok. "AOB") jirrizulta li l-istess zvilupp xorta gie deskritt kif ippublikat fl-avviz fil-gazzetta bhala *"Site at South East of Malta 6km away from shore off Xrobb l-Ghagin l/o Marsaxlokk".*

Illi tenut kont tal-importanza tad-deskrizzjoni korretta tas-sit fl-avviz fil-gazzetta lokali, peress li hija minn dik id-data li minnha jibda' jghaddi t-terminu sabiex isiru s-sottomissjonijiet bil-miktub li imbaghad jaghtu l-lok ghall-appell lil terzi persuni interessati, din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz id-deskrizzjoni tas-sit u l-lokalita' tal-istess fl-avviz pubblikat fil-gazzetta lokali datat 5 ta' Gunju 2004, fejn irreferiet ghall-lokalita' ta' Marsaxlokk u mhux dik ta' Marsaskala, (fejn effettivament mid-dokumenti relattivi, anke fuq indikati, kien ser isir l-izvilupp approvat), kien zbaljat u ghalhekk null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. F'dan is-sens il-konsiderazzjonijiet tal-Bord dwar l-istess huma legalment inkorretti u dan peress li l-iskop ta' tali pubblikazzjoni u d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (4) u (5) tal-Kap 356** huwa proprju sabiex tinghata pubblicita' mill-iktar wiesgha ghas-sit u t-tip ta' l-izvilupp, b'dan ghalhekk li tali mezz ta' pubblicita' permezz ta' gazzetta lokali ghandu qabel xejn u fuq kollox jidentifika s-sit ezatt ta' l-istess zvilupp, u ovvjament dan jinkludi l-lokalita' tal-istess sit. M'hemmx dubju li meta s-sit gie deskritt bhala fil-limiti ta' Marsaxlokk, dan jaghti wiehed x'jifhem li l-izvilupp kien ser jolqot u jsir fl-istess lokalita', mentri mill-atti kollha relattivi jirrizulta li l-izvilupp kif propost jew finalment propost kien ser jolqot il-lokalita' ta' Marsaskala. Il-fatt li l-izvilupp kien wiehed deskritt bhala wiehed li jikkoncerna t-territorji nazzjonali ma ghandux iwassal sabiex ma tigix indikata l-lokalita' tas-sit, u wisq inqas li tigi ndikata l-lokalita' differenti minn dik li kienet ser tigi affettwata bl-istess zvilupp. Il-kuncett ta' dak li jifhem *"the man in the street"* ma ghandu x'jaqsam xejn mal-provediment tal-ligi li jirrikjedi li ssir pubblikazzjoni tal-

izvilupp propost fejn ghandu jigi indikat is-sit ta’ zvilupp u ovvjament dan jinkludi l-lokalita’ affettwata jew fejn qieghed l-istess zvilupp u dan iffiser biss li tali lokalita’ ghandha tigi ndikata korrettament, haga li ma saritx f’dan il-kaz, ghaliex id-dokumenti kollha, hlief dawk tal-pubblikazzjoni relattivi jirreferu ghall-progett li ser isir u/jew jolqot il-lokalita’ ta’ Marsaskala u mhux dak indikat fl-avviz dak ta’ Marsaxlokk. B’dan l-izball, li ta wiehed x’jifhem li l-izvilupp propost kien ser jolqot lil Marsaxlokk u mhux lil Marsaskala, jirrizulta li gie affettwat id-dritt ta’ oggezzjoni ta’ terza persuna interressata skont il-ligi u tal-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala u allura din il-Qorti thoss li fuq din il-bazi tali pubblikazzjoni li saret fil-5 ta’ Gunju 2004 hija nulla u bla effett u ghalhekk l-appell fuq dan l-aggravju *da parte* tal-appellanti qed jigi milqugh peress li l-procedura ta’ pubblikazzjoni ma tatx deskrizzjoni korretta tas-sit ta’ l-izvilupp u l-lokalita’ ta’ l-istess. Dan huwa konsonanti ma’ dak li gie deciz fid-decizjonijiet **“Assocazzjoni tal-Hwienet ta’ Wied il-Ghajn u tal-GRTU vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta’ Malta Centre for Fisheries Sciences”** u **Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta’ Malta Centre for Fisheries Sciences”** (A.I,C. (RCP) – 10 ta’ Dicembru 2008) proprju fuq l-istess kaz.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li skont l-**artikolu 32 (4)** kopja ta’ kull applikazzjoni u pjanta relattiva ghandhom jigu notifikati lill-kunsill lokali li fil-lokalita’ tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp u dan apparti li l-istess Awtorita’ fi progetti kbar tista’ titlob li jsiru pubblikazzjonijiet ohra tal-istess zvilupp. Jirrizulta mill-atti kollha relattivi li l-istess Kunsill Lokali ta’ Marsaskala ma giex notifikat bl-istess applikazzjoni, u certament li dak li jinghad f’pagna 7 tad-decizjoni tal-Bord f’dan ir-rigward huwa *“non sequitur”* ghaliex in-notifika hija mehtiega b’mod mandatarju mill-istess ligi; mhux hekk biss izda l-fatt li saret konsultazzjoni *da parte* tad-Direttorat mal-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala u dan permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Awissu 2004, ma jbiddel xejn mill-obbligu li l-istess applikazzjoni tigi

notifikata lill-Kunsill Lokali koncernat. Dan l-aggravju huwa wkoll ben fondat.

Illi dwar it-tielet aggravju jirrizulta li fil-fatt bejn l-izvilupp kif propost u dak li effettivament kien qed jigi trattat dan kien wiehed sostanzjali peress li fl-applikazzjoni dan kien jirreferi ghall-piz ta' 5 telef tunnellati ta' tonn li kellu jigi mkabbar f'tali gageg, mentri dan tela' ghal 9 telef tunnellati fl-izvilupp propost, li kien jaghmel differenza sostanzjali peress li jindika zvilupp aktar intensiv, u dan iktar u iktar meta z-zona ta' l-izvilupp originarjament proposta tnaqqset bin-nofs. Dan jirrizulta wkoll minn dak li qal l-istess Bord fid-decizjoni tieghu fejn jghid testwalment li *"l-unika bidla sinifikanti bejn l-applikazzjoni u l-permess mahrug huwa l-ammont massimu ta' tunnellati ta' tonn li jistghu jigu akkomodati, li zdied minn massimu ta' hames tunnellati imsemmi fil-Project Description Statement ghal massimu ta' disa' tunnellati imsemmi f'kundizzjoni fil-permess".* F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dan jimporta bdil sostanzjali fil-progett kif sottomess ghal dak intenzjonat li jigi approvat u allura thoss li kien hemm bdil sostanzjali fid-deskrizzjoni u fl-entita' ta' l-istess zvilupp li jaghti lok ghall- pubblikazzjoni mill-gdid tal-istess zvilupp u dan anke fuq l-iskorta tal-principji enuncjati fid-decizjoni **"Perit Wilfred De Battista vs l-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar et"** – (A.I.C. (RCP) – 30 ta' April 2008), li gew segwieti fis-sentenzi fuq citati **"Assocazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u tal-GRTU vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences"** u **Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences"** (A.I,C. (RCP) – 10 ta' Dicembru 2008) li jikkoncernaw dan is-sit ezatt, u ghalhekk issir riferenza ghall-istess. Illi ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll ben fondat u qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi fin-nuqqas ta' risposta *da parte* tal-kjamat fil-kawza Dr. Anthony Grupetta *nomine* u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' appellata kontenuti fir-risposta taghha ghal dan l-appell datata 30 ta' Mejju 2007 u dan biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz **tilqa' l-appell kif interpost mill-appellanti l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala fir-rikors tal-appell tieghu datat 22 ta' Novembru 2006 fis-sens biss ta' dak hawn deciz** u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Fish & Fish Limited, Malta Fishfarming Limited, Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u tal-GRTU u l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences"** tat-8 ta' Novembru 2006 in kwantu l-istess tikkoncerna l-appell tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u tilqa' t-talba tal-Kunsill ta' Marsaskala appellanti kif dedotta fl-istess rikors tal-appell u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tal-kjamat fil-kawza Dr. Anthony Grupetta *nomine*.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------